PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9413 — Lactalis/Nuova Castelli)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 314/07)

1. Fid-9 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Gruppo Lactalis Italia S.r.l. (l-Italja), li tappartjeni għall-Grupp Lactalis (flimkien "Lactalis", Franza),

— Nuova Castelli S.p.A. ("Nuova Castelli", l-Italja), sussidjarja akkwiżita totalment ta' Nuova Castelli Group S.p.A (Franza), li min-naħa tagħha hija kkontrollata minn Charterhouse Capital Partners (ir-Renju Unit).

Lactalis takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Nuova Castelli kollha kemm hi. Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet ta' negozju tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Lactalis: il-produzzjoni u l-forniment ta' ġobon bħall-mozzarella, il-mascarpone u r-rikotta, kif ukoll ħalib għax-xorb, butir, prodotti friski, krema u prodotti tal-ħalib industrijali (trab tal-ħalib, xorrox, eċċ.).

— għal Nuova Castelli: il-produzzjoni u l-bejgħ ta' diversi ġobnijiet Taljani, l-aktar ġobon iebes u ġobon artab (il-mozzarella, il-parmiġġjan, il-grana padano, il-pecorino, ir-rikotta, eċċ.) u għandha attività kummerċjali b'rabta l-aktar mal-mascarpone, il-feta u l-butir.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

L-osservazzjonijiet iridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Din ir-referenza li ġejja għandha tkun dejjem speċifikata:

M.9413 — Lactalis/Nuova Castelli

L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 229-64301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").